TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizjoni Nru. 81

Kaz Nru. 100

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Is-Sur Louis Sacco
u
Messrs. Dowty (Malta) Ltd.

Data : 3 ta' Frar, 1981.

Chairman : C.J. Mallia

Dan il-kaz gie riferit lil dan it-Tribunal fl-1 ta' Settembru, 1980, mill-Ministru tax-xoghol, Kultura u Ghajnuna Socjali, taht id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 28 (2) ta' l-Att ta' l-1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali. Dan sar wara li s-Sur Louis Sacco kien ilmenta li huwa kien gie mkecci ngustament mill-impieg li kellhu mad-ditta Dowty (Malta) Ltd.

2. Il-partijiet : L-applikant is-Sur Louis Sacco kien assistit mis-Sur Angelo Bartolo, Segretarju tat-Taqsima Kimika u Haddiema Generali tal-General Workers' Union. Ghad-ditta Dowty (Malta) Ltd. dehru Mr .C. Poole, Managing Director, Mr M.J. Davies, Production Director, is-Sur Joseph Delia, Personnel Manager, u s-Sur Massimo Fenech, Works Manager.

3. Smigh u xhieda. Biex jinstema' l-kaz, inzammu erbgha seduti, li fihom il-partijiet giebu dawn ix-xhieda,

Migjuba mill-applikant,
is-Sur Louis Sacco

Is-Sur S. Brincau, Segretarju tas-Supervisory, Technical and Professional Staff Association tal-G.W.U.

/2. .....

Is-Sur C.S. Consiglio, Asst. General Secretary (Sections) u International Secretary tal-G.W.U.
L-On. Dr. James Farrugia, M.D., M.P., Tabib privat tas-Sur Sacco.
Dr. Carmel Apap Bologna, M.D., Tabib fl-Isptar St Luke's.

Migjuba mid-ditta
<u>Dowty (Malta) Ltd.</u>

Is-Sur Kenneth Cassar, Storeman ma Dowty's.
Is-Sur Emanuel Micallef, Foreman ma Dowty's.
Is-Sur Massimo Fenech, Works Manager, Dowty's.
Mr Michael J. Davies, Production Director, Dowty's.

4. <u>Statement of case tas-Sur Sacco</u>. Fil-qosor, dak li qal l-applikant Mr Sacco kien li hu hadem 15-il sena bhala Press Operator ma' Dowty's, u li maz-zmien beda jhoss ugiegh f'dahru, skond hu minhabba l-waqfien. Wara gie maghzul biex isir Trayer (xoghol li hu qal li jsir hafna bilqeghda) u hemm hadem tliet snin minghajr ebda diffikultajiet serji. Fi Frar 1980 gie mibghut jerga' jahdem xi granet bhala Press Operator. Huwa mar, imma rega' beda jhoss ugiegh kbir f'dahru minhabba l-waqfien u ghalhekk kellu jirtira bis-sick leave diversi drabi. Meta dahal lura, qal li ma hassx li jista' jahdem fuq il-presses minhabba sahhtu u ghal dan sarlu charge u gie l-ewwel sospiz u wara meta rega' ma marx fuq il-presses gie mkecci. Il-G.W.U. ippruvat li l-kaz ta' Mr. Sacco jigi meqjus ma dawk ta' numru ta' haddiema ohrajn bi problemi ta' sahha, imma Mr. Sacco lahaq tkecca qabel dawk il-kazi gew irrangati. Wara ntqal li Mr. Davies biddel it-tkeccija f'sospensjoni sakemm jergghu jaraw, imma wara ftit regghu baghtu ghal Mr. Sacco biex jahdem fuq il-presses. Meta dan reggha rrifjuta rcieva ittra li temmietlu l-impieg mit-23 ta' Mejju, 1980.

/3. .....

5. Statement of case ta' Dowty's. Ukoll fil-qosor, dak li qalu Dowty's kien li s-Sur Louis Sacco ntbghat ghaliex hu ddikjara lilu nnifsu "unfit for work'. Id-ditta qalet li l-gradi ta' Prayer u Presser hi giebithom fuq l-istess paga biex ikun hemm flessibilita' fi zmien ta' assentijizmu gholi u leave. Ghad li Mr. Sacco kien qal li x-xoghol bix-xift kien qed izidlu disturbi li kellu fl-istonku, il-Kumpanija ma setghet tirrangalu xejn minhabba l-precedent li b'hekk kien jinholoq fost numru kbir ta' haddiema bix-xift. Kienu jhalluhkjirranga kif jista' ma shabu basta hadd ma jitkellem, u hekk hadem bhala Press Operator ghal aktar minn ghaxar snin. F'Marzu, April, u Mejju ta' l-1980, is-Sur Sacco naqas ripetutament b'ugiegh f' dahru u rrifjuta li jahdem fuq press anke wara li l-Works Manager kien heggu biex jobdi l-ordnijiet quddiem is-Segretarju tat-Taqsima tal-Union. Hu stess talab li jigi boarded out. Mr. Davies u Mr. Bartolo appellaw lil Mr. Sacco biex jipprova jahdem fuq pressa, izda hu rrifjuta. Ghal inqas minn xahar, is-Sur Sacco nzamm sospiz on full pay; izda meta hu kiteb li ma setax jaccetta li jerga' lura ghax-xoghol fil-grad li fih kien gie mpjegat u kull tant jahdem fuq pressa, u fil-fatt fis-26 ta' Mejju, 1980, naqas li jerga' lura ghax-xoghol, il-Kumpanija avzatu b'ittra tas-27 ta' Mejju, 1980, li l-impieg tieghu kien gie mitmum ghax hu kien 'unfit' ghal dak ix-xoghol.

6. X'qalu x-xhieda, kif instemghu wara xulxin:

(a) Is-Sur Sonny Brincau, Segretarju tas-Supervisory, Technical and Professional Staff Association tal-G.W.U., qal li l-kumpanija kellha haddiema ohrajn mhux produttivi, u l-kaz taghhom kien gie mholli 'in abeyance'.

(b) Is-Sur Carm S. Consiglio, Assistant General Secretary u International Secretary tal-G.W.U., ftakar li kienu qalulu kif qal is-Sur Brincau, imma hu dahal fil-kwistjoni meta nholoq deadlock dwar ftehim bejn il-Union u Dowty's.

(c) L-On. Dr. James Farrugia, M.D., M.P., tabib privat tas-Sur Sacco, xehed li l-pazjent kellhu xi pressjoni fuq in-nervituri ta' gos-sinsla ta' dahru, ghax kellu lesjoni f'disk tas-sinsla li saret kronika. Huwa ma setghax jerfa pizijiet u anqas joqghod fuq riglejh fit-tul. Ic-certifikat ta' Dr. Farrugia, datat 21 ta' Frar, 1980, u esibit fil-process, jghid li dan l-ugiegh ta' Mr. Sacco zviluppa kmieni fl-1978, u li X-rays urew dieqa bejn id-diski lumbar 5 u sacral 1 ta' l-ispina tad-dahar. Dr. Farrugia eskluda kategorikament li Mr. Sacco setgha kien qieghed ifingi (malingering).

(d) Dr. Carmel Apap Bologna, M.D., F.R.C.S., (Lond.), F.R.C.S. (Edin.), qal li meta s-Sur Sacco gie riferit St. Luke's Hospital huwa, t-tabib, ikkonferma li dan kellhu slipped disc u kellhu Paget's bone disease.

(e) Is-Sur Kenneth Cassar, Storeman ma Dowty u Shop Steward tal-G.W.U.., xehed li s-Sur Angelo Bartolo heggeg lis-Sur Sacco biex jahdem fuq il-presses, imma dan qal li hu ma setghax "u jokk iridu jghadduni board".

(f) Is-Sur Emanuel Micallef, Foreman ta' Dowty ghal 17-il sena, qal li hu bghat lil Mr. Sacco fuq il-press imma dak ma riedx. Qal li jippreferixxi li jkeccuh. L-ohrajn garrew li s-Sur Sacco kien qed jigi ppreferut. Skond ix-xhud, hadd izjed ma rrifjuta li jahdem fuq il-presses.

/5. .....

(g) Is-Sur Massino Fenech, Works Manager ta' Dowty, spjega l-operazzjoni msejjha Traying. Tlieta mill-erbgha stages li fiha jridu jsiru l-aktar bil-wieqfa (minn 3 sa 7 sighat kull jum). Qabel it-Traying kien isir mit-tfajliet. Id-ditta ghamlet labour pool bejn it-Traying, il-Press Shop, etc. Meta applika biex isir Trayer, is-Sur Sacco ma semma ebda ragunijiet medici. Meta bdew jahsbu li jkeccuh, is-Sur Bartolo qalilhom : "Le, le - hu ser jikkoopera". Izda Mr Sacco nnifsu, skond ix-xhud, qal,: "Jekk jidhrilkom ghadduni board." Bil-hafna problemi li d-ditta bilfors ikollha fost il-mijiet ta' mpjegati li ghandha, hadd ma juri nuqqas ta' kooperazzjoni daqs Mr. Sacco.

(h) Mr. Michael J. Davies, Dowty's Production Manager, qal li Mr. Sacco pprecipita l-kaz billi rrifjuta li jahdem fuq il-presses. Flok kalma u kooperazzjoni, hu wera emozzjoni. Dowty kellhom xi 32 haddiema li kienu under-productive, u kellhom ukoll in-numru li tobbliga l-ligi ta' nies registrati bhala handicapped. Ohrajn ikkooperaw, imma Mr. Sacco le. Kieku poggewh fuq Traying biss, l-ohrajn kienu joggezzjonaw.

7. Punti saljenti. Mela, minn dak li ntqal u minn dak li hareg mix-xhieda, johorgu dawn il-punti saljenti li gejjin u li jridu jigu ezaminati:

(i) Is-Sur Louis Sacco kien ilu 15 il-sena jahdem ma' Dowty's meta "maz-zmien beda," fi kliemu stess, "ihoss ugiegh kbir f'dahru minhabba l-waqfien." Ic-certifikat ta' Dr. Farrugia ma jghidx kif originat din il-complaint, ghad li jipprojbixxi xoghol bil-wieqfa u rfigh ta' toqol. Ghalhekk ma ghandniex prova attendibbli li din l-inkapacita'

ghal certu xoghol kienet kawzata minn 'accident' li johrog minn, u matul, l-impieg ta' Mr. Sacco ma' Dowty's.

(ii) Il-Kumpanija ma gabitx provi li meta mpjegat lil Mr. Sacco hija kellha 'medical evidence' li hu kien fit ghax-xoghol li dahal ghalih.

(iii) Dowty urew li ghandhom aktar mit-2% ta' mpjegati inkapacitati imposti mill-Avviz Legali 56 ta' 1969, maghmul taht l-Att Nru. II of 1969. Dan ma giex ikkontestat.

(iv) Dowty qalu li huma kienu helsu mill-kaz tas-Sur Sacco qabel ma, wara l-collective agreement, huma bdew jiddiskutu x'ser isir dwar nies li kienu unproductive jew under-productive u b'hekk kienu "burden" ghall-Kumpanija. Dan il-punt, li l-kaz tas-Sur Sacco kien gie deciz qabel, ma setghax jigi ppruvat mix-xhieda tas-Sinjuri Brincau (li ma ftakarx ismijiet) u Consiglio (li kien dahal biss fuq id-deadlock dwar il-collective agreement). Gie esibit memorandum intern (li kien gie ikkupjat lill-G.W.U.), iffirmat minn Mr A.C. Poole u datat 8 ta' Lulju, 1980, fejn gew murija numru ta' mpjegati morda jew handicapped li ghal zmien jew ghal dejjem thallew jaghmlu xoghol iehor divers minn dak li kienu ntrabtu ghalih.

8. <u>Apprezzament tat-Tribunal</u>. Dwar l-erbgha punti msemmija fil-paragrafu 7 hawn fuq, it-Tribunal jaghmel dawn l-osservazzjonijiet :

(i) L-artikolu 25 (11) ta' l-Att Nru. XI ta' l-1952, li jirregola l-kundizzjonijiet ta' l-impjieg, jipprovdi li mpjieg ma jistax jigi mitmum minhabba nkapacita' li tigri waqt ix-xoghol u minhabba x-xoghol. Imma ta' dan kif qa ghidna ma ghandniex prova.

(ii) Meta gie mistoqsi mit-Tribunal, Mr. M.J. Davies, ghall-Kumpanija, qal li, fil-bidu ta' l-impjieg tas-Sur Sacco, il-'medical evidence' imsemmija kienet dik tat-tabib tal-Kumpanija. Avolja kif intqal, dan id-ditta ma ppruvatux, it-Tribunal ihoss li din hija procedura normali u l-fatt li lil Mr. Sacco mpjegawh juri bizzejjed li kienu sabuh 'fit'.

(iii) Waqt is-smigh tal-kaz, hadd ma kkontesta li din id-ditta tassew ghandha it-2% ta' mpjegati nkapacitati li timponi l-ligi. Dawn jigu xi haga aktar minn 18. Barra minn hekk, Dowty's kellhom xi 32 mpjegati ohra bi problemi ta' sahha li ghalhekk kienu jbaxxu l-produzzjoni, jghollu l-prezzijiet, u jbaxxu l-kompetitivita' tal-prodott fis-suq, specjalment barra minn Malta (ara ittra Nru. ACr/MF datata 14 ta' Frar, 1980, li Mr. A.C. Poole, Managing Director, bghat lis-Sinjuri Bartolo u Brincau tal-General Workers' Union). Hawn it-Tribunal irid iqies l-interessi tal-fuq minn 900 mpjegat li ghandha Dowty's, kif ukoll l-obbligi li ghandu l-istess Tribunal taht l-artikolu 32 (1) ta' l-Att ta' l-1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali (Att Nru. XXX ta' l-1976), li jfakkar fil-politika socjali u ekonomika tal-Gvern, li certament titlob li industrija bhal din izzomm is-swieq taghha u ma tfallix.

(iv) Rigward il-punt (iv) fil-paragrafu 7 hawn fuq, it-Tribunal kieku kien jibda jara l-ghaliex id-ditta, mat-32 impjegat li kollha bi problemi tas-sahha, ma setghetx issib mod kif izzomm lil Mr. Sacco wkoll, anke jekk il-kaz tieghu kien gie konkluz qabel Dowty bdew jaraw dwar l-unproductive l-ohra.(Hawn ta' min isemmi, ghad li dan ma jbiddilx il-kaz, li t-tezi tal-Kumpanija, li l-kaz ta' Mr. Sacco kien deciz qabel bdew jaraw dwar l-ohrajn, mill-kontest u cirkostanzi kollha, huwa attendibbli, l-aktar meta ma giex kontestat validament). Izda ntqal u ntwera "all along" li s-Sur Louis Sacco ma kienx ko-operativ bhall-morda l-ohra u huwa stess ipprecipita l-kaz bi kliem bhal "Ghadduni board" u "Keccuni". Infatti hu angas ma accetta li jahdem bicca bhala Trayer u bicca bhala Presser meta dan jista' jkun. Barra minn hekk, jidher li anke kieku, ghall-grazzja ta' l-argument, id-ditta kollha toffrilu li jahdem ta' Trayer biss, huwa wisq probabbli li dan kien jirrifjuta wkoll, ghaliex l-istess xoghol ta' Trayer jinvolvi waqfien ukoll ta' minn 3 sa 7 sighat kull jum --- ara para 6 (g) hawn fuq.

9. Aspett specjali : Dan il-kaz fih l-aspett mhux komuni li l-applikant jghid li l-inkonvenjent jew ugiegh f'dahru beda jhossu meta kien ilu xi ghaxar snin impjegat ma' Dowty's. Ghad li c-certifikat mediku ta' Dr. Farrugia ma jidholx fil-kawza tal-complaint, huwa jikkorrobora li dan l-ugiegh zviluppa meta s-Sur Sacco kien ilu mpjegat ma' Dowty's. Minhabba dan is-semplici fatt, it-Tribunal hares lejn il-kaz

b'mod specjali. Fost il-possibiltajiet maqjusa kien hemm dawn li gejjin:

(a) Jekk l-inkapacita' jew marda huma dovuti ghal korriment jew marda li johorgu minn natura tax-xoghol, l-employer ma jistax ikecci. Dan hu skond l-artikolu 25 (11) ta' l-Att Nru. XI ta' l-1952. Dan mhux il-kaz ta' Mr. Sacco.

(b) Jekk il-kaz mhux hekk, l-employer ghandu jara jistax izomm lill-impjegat f'dak il-percentagg ta' handicapped persons li jimponi l-Att Nru. II ta' l-1969. Dwar dan, ara l-paragrafi 7 (iii) u 6 (h) hawn fuq.

(c) Kompla jara t-Tribunal li, jekk (a) u (b) hawn fuq mhumiex possibbli, wiehed donnu jistenna kwalunkwe good employer li jipprova jpoggi lill-impjegat f'xoghol iehor xieraq, anke jekk joffrilu post aktar baxx jekk ma ghandux hag'ohra. Dwar dan, hemm li s-Sur Sacco stess ma kkooperax; ma nafux kienx jaccetta job inferjuri, u fuq dan ma qal xejn fl-istatements tieghu; u wiehed ma jridx jinsa l-precedent u l-kompetitivita' go fabbrika kbira bhal din.

(d) Ebda discharge certificate jew testimonial ma gie esibit waqt il-process. Izda jekk is-Sur Sacco dan jixtiequ, kwalunkwe certifikat li jinghata ghandu jghid car u shih ir-raguni ta' sahha li ghaliha s-Sur Sacco spicca minn dan ix-xoghol, biex b'hekk huwa jkun jista' jirregistra ghal xoghol iehor li jhoss li hu kapaci ghalih, u jiehu unemployment benefit.

10. <u>AWARD</u>. Ghal dawn ir-ragunijiet, argumenti u provi kollha, it-Tribunal ma jsibx li Dowty's kellhom triq ohra, u ghalhekk ma mxewx ingustament meta baghtu lis-Sur Louis Sacco. B'hekk tinghalaq din il-kwistjoni tax-xoghol.

C.J. Mallia,
Chairman

A. Bartolo Parnis
Segretarju

3 ta' Frar, 1981

em